**MEDE 504/2016** **Ċirkulari HR MEDE Nru. 04/2017**

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Bini tal-Edukazzjoni
Triq L-Assedju l-Kbir
Furjana VLT 2000

Data: 17 ta' Frar 2017

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POŻIZZJONI TA' *COLLEGE PRECINCTS OFFICER* BIEX ISSERVI F'MALTA FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**(skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2017)**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jilqa' applikazzjonijiet minn Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u ħaddiema tal-RSSL għall-pożizzjoni ta' *College Precincts Officer* biex isservi f'Malta fi ħdan MEDE. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/mislufin/*detailed/deployed/attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

## 2.0 Tul tal-*assignment* u kundizzjonijet

2.1 Il-persuna magħżula tidħol *f'assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *College Precincts Officer*, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra

2.2 Il-pożizzjoni ta' *College Precincts Officer* huwa suġġett għal perijodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

## 3.0 Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' *College Precincts Officer* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 11 (li fis-sena 2017, huwa ta' €17,113.98 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €375.17 sa massimu ta' €19,365.00).

3.2 Il-persuna magħżula bħala *College Precincts Officer* hija ntitolata għall-allowance inklussiv ta' €3,000 fis-sena mingħajr ma tkun intitolata għal rimunerazzjoni addizzjonali, li tkopri l-użu tat-telefon u tal-karozza privata, li hi essenzjali għal mobiltà kontinwa tagħha fil-qadi tad-dmirijiet tagħha.

**4.0 Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet ta'persuna fil-ħatra ta' *College Precincts Officer* jinkludu:

- tippjana, tikkoordina, twettaq u tassigura l-implimentazzjoni ta' tiswija u manutenzjoni ġenerali, tindif ġenerali, ġardinaġġ u *landscaping* u sigurtà, fi ħdan il-faċilitajiet u *grounds* tal-iskejjel li jagħmlu parti mill-Kulleġġ;

- fir-rigward ta' tiswija u manutenzjoni ġenerali, tamministra t-talbiet kollha ta' tiswija u manutenzjoni mitluba mill-kapijiet tal-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ, tipproċessa tali talbiet kif meħtieġ u tassigura l-implimentazzjoni fil-ħin tax-xogħol relatat;

- fir-rigward ta' tindif ġenerali, tassigura li l-faċilitajiet u l-*grounds* kollha tal-iskejjel li jiffurmaw parti mill-kulleġġ jinżammu nodfa u sikuri l-ħin kollu;

- fir-rigward ta' ġonna u *landscape* erjas, tassigura li dawn iż-żoni jinżammu nodfa u zgumbrati, u msebbħa kif xieraq u billi jkunu dejjem iffjuriti;

- fir-rigward ta' sigurtà, tassigura li l-faċilitajiet u l-*grounds* tal-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ, jibbenefikaw minn sistemi xierqa ta' sigurtà;

- tassigura li sinjali approvati mill-Prinċipal u/jew mill-Kap tal-iskola, huma nstallati u miżmum kif xieraq, kemm dawk ġol-binja tal-iskola, kif ukoll dawk barra mill-iskola fejn għandu x'jaqsam mal-bini tal-iskola;

- tamministra u tkun responsabbli għall-istaff kollu tal-Kulleġġ li hu *non-teaching* u *non*-klerikali inkluż il-*general hands, labourers*, *purtinara*, ġardinara, *watchmen* kif ukoll dak l-istaff kollu li jaħdem fis-servizz pubbliku kif ukoll fis-settur pubbliku u li jista' jkun assenjat jew *detailed* taħt ir-responsabbiltà tagħha fi ħdan il-Kulleġġ;

- tassigura u tissorvelja l-attendenza u l-puntwalità tal-impjegati kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, inkluż il-ħin tad-dħul u l-ħruġ, il-*vacation* u s-*sick leave*, is-sahra, u oħrajn;

- tistabbilixxi standards ta' kwalità fuq ix-xogħlijiet kollha li jagħmel kull impjegat, fejn tassigura li dawn ix-xogħlijiet isiru b'mod effiċjenti u ekonomiku fil-ħin miftehem;

- tiddeċidi skont l-iktar importanti, tassenja u tikkoordina l-ordnijiet tax-xogħol lill-impjegati li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni u l-kontroll tagħha;

- taħdem u tiżviluppa ħiliet ta' *teamwork* fost dawn l-impjegati;

- tħarreġ u tissorvelja x-xogħol tal-impjegati, biex tidentifika l-ħiliet individwali ta' kull impjegat u tutilizza l-kompetenzi tagħhom b'mod flessibbli fi ħdan l-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ;

- tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet ta' xogħol tajbin mal-impjegati, kif ukoll mal-kapijiet tal-iskola, u uffiċjali għolja oħra fi ħdan l-istrutturi relatati;

- tippromwovi u żżomm, prattiċi ta' xogħol, kundizzjonijiet u ambjent sikur, għal dawn l-impjegati, għall-istaff l-ieħor tal-iskola, għall-istudenti u partijiet terzi oħra;

- teżerċita ġudizzju u inizjattiva indipendenti meta tikkoordina x-xogħol kollu relatat, meta tagħmel rakkomandazzjonijiet għax-xogħlijiet ta' rimedju li hemm bżonn, meta tippjana, tivvaluta u tassenja l-ordnijiet tax-xogħol, meta ssegwi x-xogħlijiet li jkunu qed isiru, u li tara li b'mod ġenerali, x-xogħlijiet imwettqa mill-istaff li jaqaw taħt ir-responsabbiltà tagħha, jsiru b'mod effiċjenti u effettiv;

- taġixxi fuq inizjattiva tagħha kif ukoll fuq rapporti li tirċievi biex tassigura tiswijiet u manutenzjoni regolari, speċjalment permezz ta' manutenzjoni preventiva, tindif ġenerali, ġardinaġġ u *landscaping*, sigurtà tal-bini, tat-tagħmir u l-għamara, tal-aperturi, tal-installazzjonijiet mekkaniċi u elettroniċi, u tal-*grounds* tal-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ;

- tassigura li l-ordnijiet u l-pagamenti kollha jiġu rreġistrati u li jkunu konformi mar-regolamenti kollha finanzjarji tal-gvern u tal-*public procurement*;

- tassigura li l-bini, is-servizzi, l-għamara, l-aperturi, it-tagħmir, l-installazzjonijiet u s-sistemi tal-iskola huma miżmuma sew u li jiffunzjonaw;

- tkun r-responsabbli tal-istores kollha;

- tkun familjari mal-prinċipji, mal-prattiċi, mal-għodda, mat-tagħmir u materjal użat fil-kostruzzjoni u fil-fażijiet kollha tat-tiswijiet u manutenzjoni, fit-tindif ġenerali, fil-ġardinaġġ u *landscaping* u fis-sigurtà;

- tkun taf il-*layout* fiżiku tal-faċilitajiet u l-*grounds* tal-iskejjel li jaqgħu taħtha;

- tinvestiga u tikteb rapporti fuq inċidenti u/jew ħsarat li jsiru fuq il-faċilitajiet u/jew tagħmir;

- taqra, tikteb u tipprepara rapporti, memos u korrispondenza;

- tipprepara u tikkalkula stimi fuq materjal u fuq xogħol ta' rimedju li jsir;

- tuża proċeduri ta' *public procurement* biex tipprokura materjal, għodda u servizzi;

- tikkomunika b'mod effettiv oralment u bil-kitba billi tuża Word, Excel u email;

- tkun kapaċi taħdem taħt pressjoni;

- twettaq dmirjiet oħra li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu assenjati mill-Prinċipal tal-Kulleġġ;

- twettaq dmirijiet taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal tal-Kulleġġ u f'kollaborazzjoni kontinwa mal- Uffiċjal għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ u mal-Kapijiet tal-Iskola fi ħdan il-Kulleġġ;

- taqdi dmirijiet oħra, kif assenjati minn żmien għal żmien mis-*Senior Management Team* tad-Direttorati tal-Edukazzjoni skont kif inhu relatat għal din il-pożizzjoni;

- twettaq dmirijet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

## 5.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi hew ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL li:

(i) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ii) fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida;

(iii) għandhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 3 tal-MQF fl-*IT Office Application Skills* (*); **U**

(a) ikollhom fil-pussess tagħhom kwalifka rikonoxxuta rilevanti, f'livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 kredtu ECTS/ECVET jew ekwivalenti rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003); **jew**

(b) ikollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta rilevanti, f'livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003) u sena (1) esperjenza xogħol rilevanti; **jew**

(ċ) fi skala ta' salarju mhux anqas minn Skala 16 fis-Servizz Pubbliku, jew f'livell ta' responsabbiltà kumparabbli fl-RSSL jew entità oħra tas-Settur Pubbliku, u erba` (4) snin esperjenza xogħol rilevanti.

(*) Qed jiġi kkjarifikat li b'riferenza għall-*IT Office Application Skills,* dan ikopri kwalunkwe kors komplut b'suċċess f'livell 3 tal-MQF tas-CDRT/ECDL jew xi kors ieħor ikkredidat mill-NCHFE. Applikanti li ma għandhomx il-Kwalifika f'Livell 3 tal-MQF fl-*IT Office Application Skills*, xorta jistgħu japplikaw, bil-kundizzjoni li jiprovdu evidenza bil-miktub mill-*Line* Maniġer tagħhom li huma kompetenti fl-użu ta' Microsoft Word TM, Excel TM u Outlook TM.

5.2 Biex jiġi dditerminat il-livell ta' responsabbiltà tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u tal-ħaddiema tal-RSSL kumparabbli mal-livell ta' responsabbiltà tal-pożizzjoni riklamata, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/HR *Manager* responsabbli tal-entità rispettiva tas-Settur Pubbliku.

5.3 L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entità rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entità, f'kas li ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-pożizzjoni. Ħaddiema tal-RSSL jibqgħu fuq il-kotba tal-kumpanija.

Fl-eventwalità li ħaddiema tal-RSSL jottjenu l-istat indefinit fis-Servizz Pubbliku skont il-L.S. 452.81, l-impieg tagħhom mal-RSSL jiġi tterminat.

Sakemm il-ħaddiema tal-RSSL ma jiħdux l-istat indefinit mas-Servizz Pubbliku wara erba' snin fil-pożizzjoni skont il-L.S. 452.81, il-persuni maħtura jkunu intitolati jerġgħu lura għall-pożizzjoni li kellhom mal-RSSL bis-salarju li kellhom mal-RSSL.

5.4 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest jiġu aċċettati għall-fini ta'eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

5.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna  s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC jew awtorita' pertinenti oħra, , kif applikabbli, (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 9.1).

**6.0 Sottomossjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun *uploaded* mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal: https://edurecruitment.gov.mt. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree/Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**7.0 Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiddetermina kemm huma adatti għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **200** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **100**. Il-kriterji tal-Assessjar tista' tinstab minn fuq: http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx.

7.2 Tinghata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit https://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

## 8.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Form* (GP 47) aġġornata u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Curriculum Vitae, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2017**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

8.2 Fil kas ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, u ħaddiema tal-RSSL, dawn għandhom jippreżentaw *paid/unpaid Leave* u *Sick Leave records* għal-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe *records* ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji. Fil-kas ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru.

8.3 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinzamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

8.4 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet, għandhom japplikaw għall-GP47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru. tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien mar-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Il-Kopja tal-GP 47 tinbagħat lill-applikant permezz ta' *e-mail* waqt li l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

8.5 Dettalji oħrajn li jikkonċernaw is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmijin hawn taħt.

## 9.0 Proviżjonijiet Ġenerali oħra

9.1 Proviżjonijiet ġenerali oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dis-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/ regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilitá;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' għarfien dwar kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għal formoli tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabbli fid-dawl ta' paragrafu 8.1 hawn fuq);
- żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni tan- Nies u l-Istandards fl-indirizz:
https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Form

s-and-Templates.aspx. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjoni.

Joseph Caruana
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol